# *ITTRA TAL-QDUSIJA TIEGĦU PAPA FRANĠISKU LILL-ISQFIJIET TAD-DINJA KOLLHA, BIEX JIPPREŻENTA L-MOTU PROPRIO "TRADITIONIS CUSTODES" DWAR L-UŻU TAL-LITURĠIJA RUMANA TA' QABEL IR-RIFORMA TAL-1970*

Ruma, 16 ta' Lulju 2021

Għeżież Ħuti fl-Episkopat,

Bħalma għamel il-Predeċessur tiegħi Benedittu XVI ma' Summorum Pontificum , nixtieq nippreżentalkom il-Motu proprio Traditionis custodes b'ittra li tispjega l-motivi li wasslu għad-deċiżjoni tiegħi. Indur lejkom b'fiduċja u parresia , f'isem dik il-"ħerqa komuni għall-Knisja kollha, li sservi ħafna għall-ġid tal-Knisja Universali" kif ifakkarna l-Konċilju Vatikan II. [1]

Huma ċari ħafna l-motivi li wasslu lil San Ġwanni Pawlu II u Benedittu XVI biex jippermettu l-użu tal-Missal Ruman, promulgat minn San Piju V u rivedut minn San Ġwann XXIII fl-1962, għas-Sagrifiċċju Ewkaristiku. Il-fakultà, mogħtija mill-indult tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin fl-1984 [2] u mwettqa minn San Ġwanni Pawlu II fil-Motu Proprio Ecclesia Dei fl-1988 [3] - kienet fuq kollox motivata mix-xewqa li jkun hemm fejqan mill-firda li ġab il-moviment ta' Mons. Lefebvre. Bil-fehma li terġa' tinkiseb l-għaqda fil-Knisja, l-Isqfijiet għalhekk intalbu jaċċettaw b'ġenerożità ix-"xewqa ġusta" tal-fidili li talbu li jużaw dak il-Missal.

Ħafna persuni fil-Knisja bdew iqisu din il-fakultà li ingħatat, bħala opportunità biex jadottaw liberament il-Missal Ruman ippromulgat minn San Piju V u jużawh b'mod parallel mal-Missal Ruman ippromulgat mill-Papa San Pawlu VI. Sabiex jirregola din is-sitwazzjoni, wara bosta snin, Benedittu XVI intervjena biex jindirizza dan il-fatt partikulari fil-Knisja minħabba li ħafna saċerdoti u komunitajiet bdew "jużaw b'ferħ il-possibbiltà li ngħatat mill- Motu proprio" ta' San Ġwanni Pawlu II. Waqt li enfasizza li dan l-iżvilupp ma kienx prevedibbli fl-1988, il- Motu proprio Summorum

Pontificum tal-2007 kellu l-intenzjoni li jintroduċi "regolamentazzjoni ġuridika aktar ċara" f'dan il-qasam. [4] Sabiex jitħalla aċċess għal dawk, fosthom żgħażagħ, li meta "jiskopru din il-forma liturġika, iħossuhom attirati lejha u jsibu fiha forma, partikolarment adattata għalihom, biex jiltaqgħu mal-misteru tal-Ewkaristija l-iktar qaddisa", [5 ] Benedittu XVI iddikjara "il-Missal ippromulgat minn San Piju V u rivedut mill-Beatu Ġwanni XXIII, bħala espressjoni straordinarja tal-istess lex orandi ", li tagħti "possibbiltà aktar wiesgħa għall-użu tal-Missal ta' l-1962". [6]

Meta ħadu din id-deċiżjoni huma kienu ċerti li dispożizzjoni bħal din ma kienetx se tqiegħed fid-dubju waħda mill-miżuri ewlenin tal-Konċilju Vatikan II, jew inkella ddgħajjef l-awtorità tal-istess konċilju: il-Motu proprio għaraf li, fih innifsu, "il-Missal promulgat minn Pawlu VI hija l-espressjoni ordinarja tal- lex orandi tal-Knisja Kattolika tar-rit Latin ". [7] Ir-rikonoxximent tal-Missal ippromulgat minn San Piju V "bħala espressjoni straordinarja ta' l-istess lex orandi" bl-ebda mod ma ddgħajjef ir-riforma liturġika, iżda ttieħdet din id-deċiżjoni minħabba x-xewqa li jiġi rikonoxxut it-"talb insistenti ta' dawn il-fidili", u allura "jippermettilhom jiċċelebraw is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa skond l- editio typica tal-Missal Ruman ippromulgat mill-Beatu Ġwanni XXIII fl-1962, li qatt ma ġie mħassar, bħala l-forma straordinarja tal-Liturġija tal-Knisja ". [8] Kien ta' konfort għal Benedittu XVI fid-dixxerniment tiegħu li ħafna xtaqu "li jsibu l-forma tal-Liturġija sagra li kien għal qalbhom", u fl-istess ħin "aċċettaw b'mod l-iktar ċar il-karattru validu u li jorbot tal-Konċilju Vatikan II u li jibqgħu fidili lejn il-Papa u lejn l-Isqfijiet". [9] Barra minn hekk, huwa ddikjara bħala bla bażi il-biża' ta' firda fil-komunitajiet parrokkjali, għaliex "iż-żewġ forom tal-użu tar-Rit Ruman jagħnu lil xulxin". [10] Għaldaqstant, huwa stieden lill-Isqfijiet biex iwarrbu d-dubji u l-biżgħat tagħhom, u biex jilqgħu dawn in-normi, filwaqt li "jgħassu biex kollox jimxi fil-paċi u s-serenità," bil-wegħda li "jekk jinqalgħu xi diffikultajiet serji fl-implimentazzjoni ta' dawn in-normi, jkun possibbli li jinstabu soluzzjonijiet" ġaladarba l- Motu proprio jkun daħal fis-seħħ. [11]

Wara tlettax-il sena, jien ordnajt lill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi biex tibgħat kwestjonarju lill-Isqfijiet rigward l-implimentazzjoni tal- Motu

proprio Summorum Pontificum . It-tweġibiet juru sitwazzjoni li tinkwetani u tnikkitni, u pperswadejt ruħi li nagħmel xi ħaġa. Sfortunatament, il-ħsieb pastorali tal-Predeċessuri tiegħi, kien "li jagħmlu dak kollu possibbli biex jiżguraw li dawk kollha li għandhom għal qalbhom ix-xewqa għall-għaqda, jkun possibbli għalihom li jibqgħu f'din l-għaqda, jew inkella jerġgħu jiskopruha mill-ġdid", [12] u dan spiss ġie injorat serjament. Opportunità sabiħa li offra San Ġwanni Pawlu II u, oħra akbar minnha minn Benedittu XVI, kienu maħsuba biex iżommu l-għaqda fil-knisja b'diversi sensibilitajiet liturġiċi, intużat ħażin biex tkabbar firdiet, issaħħaħ diverġenzi, u tħeġġeġ nuqqas ta' qbil li jweġġa' l-Knisja, twaqqf il-mixja tagħha, u tesponiha għall-periklu tal-firda.

Fl-istess ħin, jien minix kuntent bl-abbużi li jsiru fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija minn kull naħa. Flimkien ma' Benedittu XVI, niddeplora l-fatt li "f'ħafna postijiet il-preskrizzjonijiet tal-Missal il-ġdid mhumiex osservati fiċ-ċelebrazzjoni imma kultant jiġu interpretati bħala permess għal, jew saħansitra ħtieġa, ta' kreattività li twassal għal tgħawwiġ insopportabbli". [13] Bl-istess mod minix kuntent li l-użu tal- Missale Romanum tal-1962 fejn ħafna drabi huwa kkaratterizzat minn rifjut mhux biss tar-riforma liturġika, iżda tal-Konċilju Vatikan II innifsu, billi jgħidu, b'asserzjonijiet li la għadhom bażi u lanqas huma sostenibbli, li (l-Konċilju Vatikan II) ittradixxa t-Tradizzjoni u l- "vera Knisja". Il-mixja tal-Knisja wieħed irid jaraha fid-dinamika tat-Tradizzjoni "li għandha bidu fl-Appostli u timxi 'l quddiem fil-Knisja bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu" ( DV 8). Tappa riċenti ta'din id-dinamika seħħet permezz tal-Konċilju Vatikan II fejn l-episkopat Kattoliku ngħaqad flimkien biex jisma' u jiddixxerni l-mixja tal-Knisja li qed jurina l-Ispirtu s-Santu. Meta jiġik dubju mill-Konċilju, ikun qed jiġik dubju wkoll mill-intenzjonijiet ta' dawk il-Missirijiet li eżerċitaw is-setgħa kolleġġjali tagħhom b'mod solenni cum Petro et sub Petro f'konċilju ekumeniku, [14] u, fl-aħħarnett tkun qed tiddubita mill-Ispirtu s-Santu nnifsu li jmexxi l-Knisja.

L-iskop li għalih il-Predeċessuri tiegħi bidlu l-permess mogħti, huwa enfasizzat mill-Konċilju Vatikan II innifsu. Mill- vota sottomessi mill-Isqfijiet ħarġet insistenza kbira fuq il-parteċipazzjoni sħiħa, konxja u attiva tal-Poplu kollu ta' Alla fil-

liturġija, [15] fuq linji diġà indikati minn Piju XII fl-enċiklika Mediator Dei dwar it-tiġdid tal-liturġija. [16] Il-kostituzzjoni Sacrosanctum Concilium ikkonfermat din ix-xewqa, billi fittxet "it-tiġdid u l-avvanz tal-liturġija", [17] u billi wriet il-prinċipji li għandhom jiggwidaw ir-riforma. [18] B'mod partikolari, stabbilixxa li dawn il-prinċipji kienu jikkonċernaw ir-Rit Ruman, u riti leġittimi oħra fejn applikabbli, u talab li "r-riti jiġu riveduti bir-reqqa fid-dawl ta' tradizzjoni soda, u li jingħataw saħħa ġdida biex jissodisfaw iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet tal-lum". [19] Fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji twettqet ir-riforma tal-liturġija, bl-ogħla espressjoni tagħha fil-Missal Ruman, ippubblikat f'editio typica minn San Pawl VI [20] u rivedut minn San Ġwanni Pawlu II. [21] Għalhekk għandna nżommu li r-Rit Ruman, li ġie modifikat diversi drabi matul is-sekli skond il-ħtiġijiet taż-żmien, mhux biss għandna naraw li jiġi ppreservat, iżda mġedded "fl-osservanza lejali tat-Tradizzjoni". [22] Kull min jixtieq jiċċelebra b'devozzjoni skont forom preċedenti tal-liturġija jista' jsib fil-Missal Ruman riformat skont il-Konċilju Vatikan II l-elementi kollha tar-Rit Ruman, b'mod partikolari l-Kanone Ruman li jikkostitwixxi wieħed mill-aktar elementi distintivi tiegħu.

L-aħħar raġuni għad-deċiżjoni tiegħi hija din: qed tidher iktar ċara, kemm fil-kliem kif ukoll fl-atteġġamenti ta' bosta il-konnessjoni li hemm bejn l-għażla taċ-ċelebrazzjonijiet skond il-kotba liturġiċi ta' qabel il-Konċilju Vatikan II u r-rifjut tal-Knisja u l-istituzzjonijiet tagħha f'isem l-hekk imsejħa l-"Knisja vera" Hawnhekk wieħed qiegħed jittratta ma' mġieba li tmur kontra l-komunjoni u trawwem il-firda. "Jien ta' Pawlu; jien ta' Apollo; jien ta' Kefas; Jien ta' Kristu" – kontra dawn l-Appostlu Pawlu rrejaġixxa b'mod qawwi. [23] Biex inħares u niddefendi l-għaqda tal-Ġisem ta' Kristu, jiena kostrett li nirrevoka l-fakultà mogħtija mill-Predeċessuri tiegħi. L-użu mgħawweġ li sar ta' din il-fakultà jmur kontra l-intenzjonijiet li wasslu biex tingħata l-libertà li tiġi ċċelebrata l-Quddiesa bil- Missale Romanum tal-1962. Minħabba li " ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi mhumiex azzjonijiet privati, iżda ċelebrazzjonijiet tal-Knisja, li hija l- sagrament tal-għaqda", [24] dawn għandhom isiru f'komunjoni mal-Knisja. Il-Konċilju Vatikan II, filwaqt li jafferma mill-ġdid ir-rabtiet esterni ta' sħubija fil-Knisja – il-professjoni tal-fidi, is-sagramenti, il-komunjoni

– afferma ma’ Santu Wistin li hija kundizzjoni għas-salvazzjoni li wieħed jibqa’ fil-Knisja mhux biss “bil-ġisem ” iżda wkoll “bil-qalb”. [25]

Għeżież ħuti fl-Episkopat, Sacrosanctum Concilium spjega li l-Knisja, is-“sagrament tal-għaqda”, għax hi “l-Poplu qaddis miġbur u mmexxi taħt l-awtorità tal-Isqfijiet”. [26] Lumen gentium , filwaqt li jfakkar li l-Isqof ta’ Ruma huwa “l-prinċipju permanenti u viżibbli u l-pedament tal-unità kemm tal-isqfijiet kif ukoll tal-kotra tal-fidili,” jiddikjara li intom l-Isqfijiet intom “il-prinċipju u l-pedament viżibbli tal-għaqda tal-Knejjes lokali tagħkom, li fihom u li permezz tagħhom teżisti l-unika Knisja Kattolika ”. [27]

Bi tweġiba għat-talbiet tagħkom, qed nieħu d-deċiżjoni soda li tħassar in-normi, l-istruzzjonijiet, il-permessi u d-drawwiet kollha li ġew qabel il- Motu proprio preżenti , u niddikjara li l-kotba liturġiċi ppromulgati mill-qaddisin Papiet Pawlu VI u Ġwanni Pawlu II, f’konformità mad-digrieti tal-Konċilju Vatikan II, jikkostitwixxu l-espressjoni unika tal- lex orandi tar-Rit Ruman. Inserraħ rasi li qed nieħu din id-deċiżjoni għall-fatt li, wara l-Konċilju ta’ Trentu, San Piju V ħassar ukoll ir-riti kollha li ma kellhomx prova li kienu riti antiki, u stabbilixxa għall-Knisja Latina kollha Missale Romanum wieħed . Għal erba’ sekli dan il-Missale Romanum, promulgat minn San Piju V kien għalhekk l-espressjoni ewlenija tal- lex oranditar-Rit Ruman, u serva biex iżomm l-għaqda fil-Knisja. Mingħajr ma ċaħdu d-dinjità u l-kobor ta’ dan ir-Rit, l-Isqfijiet miġbura f’konċilju ekumeniku, talbu li jiġi riformat; l-intenzjoni tagħhom kienet li “l-fidili ma jieħdux sehem fil-misteru tal-fidi bħallikieku barranin jew spettaturi siekta, iżda, b’għarfien sħiħ tar-riti u t-talb, jieħdu sehem fl-azzjoni sagra b'mod konxju, qaddis u attiv”. [28] San Pawl VI, waqt li fakkar li x-xogħol ta’ reviżjoni tal-Missal Ruman kien diġà nbeda minn Piju XII, iddikjara li din ir-reviżjoni tal-Missal Ruman, imwettqa fid-dawl ta’ għejjun liturġiċi antiki, kellha l-għan li tippermetti lill-Knisja biex tgħolli ’l fuq lejn is-sema, fid-diversi ilsna, “talba waħda u l-istess”, li tesprimi l-għaqda tal-istess Knisja.[29] Jiena nixtieq li nerġa’ nistabbilixxi din l-għaqda fil-Knisja kollha tar-Rit Ruman.

Il-Konċilju Vatikan II, meta ddeskriva l-kattoliċità tal-Poplu ta' Alla, fakkar li "fi ħdan il-komunjoni ekkleżjali" hemm Knejjes partikolari li għandhom it-tradizzjonijiet proprji tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-primat tas-Sede ta' Pietru li jippresjedi fuq il-komunjoni universali tal-karità, li jiggarantixxi d-diversità leġittima u li jiżgura li dak li hu partikulari mhux biss ma jagħmilx ħsara lill-universali imma fuq kollox ikun għall-qadi tiegħu ". [30] Filwaqt li, fl-eżerċizzju tal-ministeru tiegħi għas-servizz tal-għaqda, qiegħed nieħu d-deċiżjoni li nissospendi l-fakultà mogħtija mill-Predeċessuri tiegħi, nitlobkom biex taqsmu miegħi dan il-piż u b'hekk tkunu qegħdin tieħdu sehem fil-ħerqa għall-Knisja kollha, li hija xi ħaġa għal qalb l-Isqfijiet. Fil- Motu proprio xtaqt niddikjara li huwa f'idejn l-Isqof, bħala moderatur, promotur u ħarries tal-ħajja liturġika tal-Knisja li tagħha huwa l-prinċipju ta' l-għaqda, li jirregola ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Huwa f'idejkom li tawtorizzaw fil-Knejjes tiegħek, bħala Ordinarji lokali, l-użu tal- Missale Romanum tal-1962, billi tapplikaw n-normi tal- Motu proprio preżenti . Huwa f'idejkom li timxu b'tali mod li tergħu lura għal forma waħda ta' ċelebrazzjoni, u li tiddeterminaw każ b'każ ir-realtà tal-gruppi li jiċċelebraw b'dan il- Missale Romanum .

L-indikazzjonijiet dwar kif għandkom timxu fid-djoċesijiet tagħkom huma prinċipalment immexxija minn żewġ prinċipji: minn naħal-waħda, biex tipprovdu dak li hu ta' ġid għal dawk li għandhom l-għeruq tagħhom fil-forma preċedenti ta' ċelebrazzjoni u li jeħtieġu ż-żmien biex jerġgħu lura għar-Rit Ruman ippromulgat mill-Qaddisin Papiet Pawlu VI u Ġwanni Pawlu II, u, min-naħa l-oħra, biex ma jibqax ikun hemm iktar twaqqif ta' parroċċi personali ġodda marbutin aktar max-xewqa u mar-rieda ta' presbiteru waħdu milli mal-ħtieġa vera tal- "Poplu qaddis ta' Alla." Fl-istess ħin, nitlobkom biex tkunu viġilanti biex tiżguraw li kull liturġija tiġi ċċelebrata b'mod dekoruż u b'fedeltà għall-kotba liturġiċi ppromulgati wara l-Konċilju Vatikan II, mingħajr esaġerazzjonijiet li jistgħu jispiċċaw f'abbużi. Is-seminaristi u l-presbiteri ġodda għandhom ikunu ffurmati fl-osservanza leali tal-preskrizzjonijiet tal-Missal u l-kotba liturġiċi, li fihom tidher ir-riforma liturġika li ried il-Konċilju Vatikan II.

Fuqkom insejjaħ l-Ispirtu tal-Mulej Imqajjem mill-mewt, biex jagħtikom is-saħħa u biex tkunu sodi fil-qadi tagħkom tal-Poplu t'Alla fdat lilkom mill-Mulej, sabiex fil-kura u fl-attenzjoni li intom turu, tkunu qed tesprimu l-komunjoni anke fl-għaqda ta' Rit wieħed, li fih hija ppreservata r-rikkezza kbira tat-tradizzjoni liturġika Rumana. Jiena nitlob għalikom, u intom itolbu għalija.

FRANĠISKU

---

[1] Cfr. It-Tieni Konċilju Ekumeniku tal-Vatikan, Kostituzzjoni Dogmatika dwar il-Knisja " Lumen Gentium ", 21 ta 'Novembru 1964, n. 23 AAS 57 (1965) 27.

[2] Cfr. Kongregazzjoni għall-Kult Divin, Ittra lill-Presidenti tal-Konferenzi tal-Isqfijiet "Quattuor abhinc annos", 3 ta' Ottubru 1984: AAS 76 (1984) 1088-1089

[3] Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Motu proprio* " Ecclesia Dei ", 2 ta' Lulju 1988: AAS 80 (1998) 1495-1498.

[4] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 796.

[5] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 796.

[6] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 797.

[7] Benedittu 16, Ittra Appostolika *Motu propio* "Summorum Pontificium", 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 779.

[8] Benedittu 16, Ittra Appostolika *Motu propio* "Summorum Pontificium", 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 779.

[9] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 796.

[10] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 797.

[11] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 798.

[12] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 797-798.

[13] Benedittu XVI, Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-Ittra Appostolika "Motu proprio" *Summorum Pontificum* dwar l-użu tal-Liturġija Rumana qabel ir-riforma tal-1970, 7 ta' Lulju 2007: AAS 99 (2007) 796.

[14] Cfr. It-Tieni Konċilju Ekumeniku tal-Vatikan, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja " Lumen Gentium ", 21 ta' Novembru 1964, n. 23: AAS 57 (1965) 27.

[15] *Acta et Documenta Concilio Oecumenico Vaticano II apparando,* Series I, Volumen II, 1960.

[16] Piju XII, Enċiklika dwar il-liturġija sagra " Mediator Dei ", 20 ta' Novembru 1947: AAS 39 (1949) 521-595.

[17] Cfr. Konċilju Vatikan II Ekumeniku, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963, n. 1, 14: AAS 56 (1964) 97.104.

[18] Ara. Konċilju Vatikan II Ekumeniku, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963. 3: AAS 56 (1964) 98.

[19] Ara. Konċilju Vatikan II Ekumeniku, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963. 4: AAS 56 (1964) 98.

[20] *Missale Romanum ex decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli PP. VI promulgatum, editio typica, 1970.*

[21] *Missale Romanum ex decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli PP. VI promulgatum Ioannis Pauli PP. II cura recognitum, editio typica altera, 1975; editio typica tertia, 2002; (reimpressio emendata 2008)*

[22] Cfr. Konċilju Vatikan II, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963. 3: AAS 56 (1964) 98.

[23] *1 Kor 1,12-13* .

[24] Cfr. Konċilju Vatikan II, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963. 3: AAS 56 (1964) 107.

[25] Cfr. Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja " Lumen Gentium ", 21 ta' Novembru 1964, n. 14: AAS 57 (1965) 19.

[26] Cfr. Konċilju Vatikan II, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963. 3: AAS 56 (1964) 100.

[28] Cfr. Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja " Lumen Gentium ", 21 ta' Novembru 1964, n. 14: AAS 57 (1965) 27.

[28] Cfr. Konċilju Vatikan II, kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, "Sacrosanctum Concilium", 4 ta' Diċembru, 1963. 3: AAS 56 (1964) 113.

[29] Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika "Messale Romanum" dwar il-Missal Ruman il-ġdid, 3 ta' April 1969: AAS 61 (1969) 222.

[30] Cfr. Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja " Lumen Gentium ", 21 ta' Novembru 1964, n. 14: AAS 57 (1965) 18.

Ara wkoll:-

Traditionis Custodes. Motu proprio tal-Papa Franġisku dwar l-użu tal-Liturġija Rumana ta' qabel ir-riforma tal-1970. 16/07/2021.